**KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 2 – IT-TLIETA 16 TA' FRAR 2010 FIS 7:30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Michael Portelli | Segretarju Ezekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera (Skużata) |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAT-TMIEN' LAQGHA TAL-KUNSILL**

Il-Minuti gew mehuda bhala moqrija u saru korrezzjonijiet mehtiega.

Kien hemm qbil mill-Kunsilliera biex item Military Mtarfa u Twinning bejn Mtarfa u Arvidsjaur (jiġifieri żjara f' Arvidsjaur) jiġu mressqa fil-bidu minħabba l-importanza tagħhom.

2. **MILITARY MTARFA**

Il-Kunsill Lokali tal-Mtarfa ltaqa mas-Sur. Charles Zahra u s-Sur. Anthony Smith rappreżentanti tal-Classic Sports Car Club Malta biex jiddiskuti magħhom fuq il-possibilta li dawn jagħmlu esibizzjoni ta vintage cars fil-lokalita tagħna.

Dan il-klabb iħaddan fih membri li għandhom vintage cars li kienu mibnija mil 1930 sal 1960 li jaqgħa taħt diversi kategoriji. Il-membri ta din l-Għaqda jagħmlu esebizzjonijiet bil-karozzi tagħhom f diversi lokalitajiet.

Huma spjegaw li jistgħu jieħdu sehem f' Military Mtarfa billi jagħmlu esebizzjoni bil-karozzi tagħhom. Il-Kunsill laħaq qbil fuq il-programm magħhom li huwa kif ġej.

Is-Sibt 22 ta' Mejju 2010 se jinġiebu 10 karozzi jew aktar skont l-ispazju provdut mill-Kunsill li huma fost l-aqwa li għandu l-klabb. Il-ħin se jkun mis 7 ta' filgħaxija il-quddiem. Il-post suġġerrit biex issir din l-esibizzjoni huwa tal-pjazza ta maġenb it-Torri tal-Arloġġ.

L-għada l-Ħadd 23 ta Mejju se jinġiebu madwar 50 karozza mill-membri tal-klabb. Il-post suġġerrit għal din l-esibizzjoni huwa dak ta Pjazza Palma.
Il-Kunsill Lokali se jkun qed jagħti drinks u sandwiches lil membri tal-klabb u € 100 biex jkopru parti mill-ispejjeż li jaffaċċjaw il-membri sabiex jtellgħu din l-attivita.

Ir-rappreżentanti tal-klabb semmew li se jippubblikaw l-avveniment fuq il-fuljett tal-klabb u se jkun hemm il-logo ta Military Mtarfa fuqu bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

Kien hemm ukoll preżenti għal din il-laqgħa is-Sur. John Galea tal-Future Focus. Is-Sur Galea spjega li hemm il-possibilta li jkun hemm reanactment groups ta perjodi oħra barra dak tat-tieni gwerra dinjija li huma interessati li jipparteċipaw f' Military Mtarfa din is-sena. Dawn jinkludi gruppi li jirrapreżentaw il-perjodu Ruman, Medjevali, Napoljoniku u Vittorjan. Is-Sindku semma li dawn il-gruppi jkunu stazzjonati f partijiet differenti tal-Mtarfa wara li huma juru x inhuma l ezigenzi tal-kamp tagħhom.

Is-Sindku qal il-logo ta Military Mtarfa jiġi protett permezz ta copyright protection sabiex ħadd ma juża dan il-logo peress li hawn aktar lokalitajiet identiċi għal Mtarfa f aspett militari kif ukoll għandhom it-Torri tal-Arloġġ bħalna.

Sar ukoll programm proviżorju mill-Kunsill Lokali tal-attivitajiet li bħala attrazzjoni prinċipali s-Sibt jinkludi battalja bejn il-Ġermaniżi u Ingliżi tat-Tieni Gwerra. Fil każ tas-Sibt ġie suġġeritt li din il-lejla tkun serata eleganti b nies mistiedna distinti u jkun hawn mixgħela ġenerali bil-fjakkoli minflok dawl artifiċjali u l-Ħadd għandu jinżamm l-istess program tas-sena l-oħra b żidiet sostanzjali t attrazzjonijiet. Peress li min esperjenza preċedenti jidher li dawn huma popolari u jiġbdu ħafna nies, battalja simili għandha issir ukoll il-Ħadd. Fil każ tas-Sibt il-Kunsill qed jipropponi biex tkun serata seated.

**<u>Il-Ġimgħa</u>**

- 7.30 p.m.: Ftuħ tal-esebizzjoni tal-oġġetta tat-Tieni Gwerra mid-dinjitarji

**<u>Is-Sibt</u>**

- Esebizzjoni
- 5.00 p.m.: Climbing mil-AFM mat-Torri tal-Arloġġ.
- 7.00 p.m.: Reanactment battalja bejn Ingliżi u Ġermaniżi tal-perjodu tat-Tieni Gwerra u reception wara
- 7.00 p.m.: il-quddiem: Esebizzjoni ta vintage cars, Bofors canon u affarijiet oħra

**<u>Il-Ħadd</u>**

- Esebizzjoni

- 10.00 a.m.: Reanactment battalja bejn Ingliżi u Ġermaniżi tal-perjodu tat-Tieni Gwerra

Matul l-avveniment sa jkun hemm reanactments oħra min gruppi oħra li jirrappreżentaw il-perjodi differenti.

Is-Sindku qal fuq suġġeriment ta Joe Borg (direttur ta Mtarfa Drama Group) sabiex jinxtegħlu fjakkoli fuq iċ-ċnut biex jdaħħlu aktar fl-atmosfera u tkun unika. Il-Viċi Sindku qal ħa jieħu ħsieb il-fjakkoli kif ukoll se jieħu ħsieb li l Bofors gun li se jkun hawn se jkun storjat f wieħed mil-garaxijiet li jagħmlu użu minnu l-grupp tal-Karnival. Il-Viċi Sindku tkellem fuq il-bżonn li s-shooting range tiġi attrezatta kif suppost u anki biex ikun hemm is-safety neċessarju. Għal dan il-għan se jinbena ħajt min tyres u jkun miksi bil-ħamrija biex iservi ta protezzjoni.

Se jkun hawn ukoll half truck tal-Gwerra li hu unkiu fil-pajjiż u se jinġieb matul l-event. Il-Kunsill irrid jipprovdi low loader biex jinġieb i jittieħed lura u jiġi stazzjonat fil-parking tal-knisja u jrid jintalab permess mingħand il-kappillan.

Is-Sindku issuġġerixxa xi nies biex jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat għal dan l-avveniment. Dawn kienu Stephen Bonello, Joe Borg, Monica Gatt, Paul Gatt u Sandro Bellorofonte. Huwa ħeġġeġ ukoll biex il-kunsilliera kollha jagħtu l-massimu tagħhom biex l-event terġa tkun suċċess kif ukoll inkoraġixxa lil Kunsilliera kollha sabiex javviċinaw lil kull min jafu sabiex jagħtina daqqa t id.

### 3. ŻJARA F' ARVIDSJAUR

Is-Sindku ddelega lil kunsillier Anatole Scerri Diacono sabiex jispjega dwar iż-żjara u l-akkomodazzjoni f' Arvidsjaur fejn qal li rċieva email mingħand Michael Ahmann li spjegalu li minħabba l-ispejjeż li kien he jaffaċċja il-komun t' Arvidsjaur ma kienx possibli bħala delegazzjoni biex kulħadd ikun sitwat fil-lukanda, għalhekk xi wħud kellhom ikunu allokati f cottages. Is-Sindku wera d-diżappunt li dan it-trattament mhux ħa jkun fair peress li meta d-delegazzjoni min Arvidsjaur ġiet Malta dawn ingħataw servizz tajjeb ħafna. Minħabba f' hekk ġiet riveduta l-lista tad-delegati biex il-Kunsill jara kif dawn jistgħu jiġu mqassmin aħjar bil-kunsens tad-delegati.

Peress li kien hemm xi nies li mhumiex se jitilgħu mad-delegazzjoni, minħabba bdil fid-dati min naħa tal-komun t' Arvidsjaur fosthom il-kappillan (minħabba funzjonijiet reliġjużi) u gruppi taż-żgħażagħ (li minħabba studji akkademiċi) kellhom jirrinunnzjaw mid-delegazzjoni. Il-Kunsill reġa għamel reviżjoni sabiex jara hemmx xi nies oħra li jirrappreżentaw xi oqsma fl Mtarfa biex jiffurmaw parti mil-lista tad-delegati. Fost dawn ġew magħżulin is-Sur. Farrugia, Steve Rutland (videographer) u Joseph Borda (district principal) u oħrajn. Is-Sur. John Galea li kien wkoll preżenti għal din il-parti tal-laqgħa issuġġerixxa ukoll xi nies li għandhom xi relazzjoni mal-Mtarfa. Dawn huma rappreżentant wieħed tal-Future Focus, żewġ rappreżentanti mil grupp AACTS u spettur Mario Tonna. Fuq dawn in-nies il-Kunsill staqsa u evalwa ir-raġuni u wara li sab li din kienet valida biżejjed approvahom biex l-imsemmija jiffurmaw parti mid-delegazzjoni.

Fil-preżenza tal-membri tal-Kunsill ġew evalwati in-nies li ħa jiffurmaw parti mid-delegazzjoni u l-oqsma li ġew assenjati magħhom. Dwar dan kien hemm qbil

unanimu peress li n-nies tad-delegazzjoni vera jagħmlu xogħol relatatt mal-oqsma li huma ġew assenjatti fihom.

Peress li l-prezzijiet tal-biljetti tal-ajru inbidlu u għolew inħasset il-ħtieġa li dawn jiġu diskussi mil-Kunsill għal każ tal-membri il-ġodda tad-delegazzjoni. Ġew deċiżi għalhekk dawn il-prezzijiet għal min ikkonferma tard l-attendenza tiegħu. Adulti li jiffurmaw parti mid-delegazzjoni jħallsu € 250 u nies li jkunu qegħdin jakkumpanjawhom iħallsu € 300.

## 4. KORRISPONDENZA

### 4.1 Korrispondenza mis-Sindku

Is-Sindku staqsa f' liema stadju kien wasal il-kuntratt għad devoluzzjoni tal-Arloġġ lis-Segretarju Eżekuttiv. Dan wieġeb li kien irċieva risposta mingħand is-Sur. Mario Spiteri li l-proċess tad-devoluzzjoni fuq l-Arloġġ kien wasal fit-tmiem. Is-Sindku staqsa rigward id-devoluzzjoni tal-propjetajiet l-oħra (Sisters Quarters, Isolation Quarters u Kamra tal-Periti). Is-Segretarju wieġeb li kien se jagħmel stħarriġ fuq dawn.

Is-Sindku ppreżenta ittra mingħand tal-Melita li talbu biex jagħmlu antenna mat-Torri tal-Arloġġ. Huwa talab lil kunsillier Anatole Scerri Diacono biex jara jekk kienx sar xi ftehim ma kumpanija tat-telefonija u jara x inhuma l-implikazzjonijiet. Fuq dan il-każ se jsir aktar stħarriġ.

Is-Sindku tkellem fuq post li kien qed jiġi irranġat biex jinbidel f' ħanut ġewwa t-Towncentre imma ma tkomplix u spiċċa abandunat. Peress li kien fi stat t abandun dan il-post kien qed jintrema ħafna żibel u kien hemm riskji li jkun hemm mard jew ħruq. Ġie avviċinat ukoll min entitajiet li jagħmlu użu mit-Towncentre li resqu complaints fuq il-qagħda ta dan il-post. Huwa sostna li kellem lis-Segretarju Eżekuttiv fejn dan bagħat ittra lil Awtorita tad-Djar biex jieħdu passi fuq dan il-post u jekk hemm bżonn jikkonfiskaw din il-propjeta.

Is-Sindku semma li qed ikun hawn ħafna residenti li qed iħallu l-klieb tagħhom iħammġu barra u li din il-ħaġa qed tkerrah l-ambjent. Kien hemm ukoll xi nies li resqu bl-ilmenti tagħhom il-Kunsill. Għalkemm diġa hemm tabelli fiż-żoni differenti issa huwa l-bżonn li jisejjħu l-wardens biex jittieħdu aktar passi drastiċi.

Is-Sindku ta ukoll briefing ta x qed jiġri fuq il-każ ta Binja Qlejgħa. Huwa spjega li saret photocopy tal-file tas-suġġett in kwistjoni u ttieħed Kastilja għand l Onor Dr. Chris Said biex jkun jaf dwar is-suġġett u jkun f pożizzjoni aħjar biex jieħu passi. Huwa semma li l-perit Robert Musumeci qiegħed fil-proċess li jlesti r-rapport fuq il-Binja bl-ispejjeż. Kif dan ikun lest għandha tiġi mgħajta laqgħa mar-residenti tal-Post. Is-Sindku semma kif dan il-każ qed issir ħafna xogħol fuqu u li qed jittieħed bl akbar serjeta. Huwa esprima ukoll ix-xewqa li din il-kwistjoni tiġi riżolta għal benefiċċju u s-sigurta tar-residenti ta Binja Qlejgħa. Huwa semma li dwar dan il-każ se titressaq mistoqsija parlamentari sabiex dan il-każ jingħata aktar importanza mill-Awtoritajiet Governattivi.

Is-Sindku kien avviċċinat min Joe Borg tal-Mtarfa Drama Group biex jinstab post alternattiv biex iservi bħala meeting place għal dan il-grupp. Is-Sindku semma li

kien se jikkuntattja l-iskola Sekondarja sabiex tinstab soluzzjoni u jkollhom post alternattiv.

### 4.2 Korrispondenza mill-Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku semma li ġie avviċinat min persuni li jagħmlu użu min Triq Kavalier Vincenzo Bonello li semmew li l-bowsers li qed ikun hemm ibattlu d-drenaġġ ġol-ispiera l isfel mir-roundabout kien qed jikrejaw inkonvenjent minħabba l-irwejjaħ, ċarċir t ilma kontaminat matul it-triq, tkissir tal-ħajt tas-sejjieħ mal-ġenb u ntejjen.

Is-Sindku sostna li dawn kellhom permess biex jagħmlu dan it-tbattil fl-ispiera partikolari, imma dawn qabel kien qegħdin ibattlu f' żoni oħra, peress li staqsa fuq ir-raġuni għala dawn qed jużaw din l-ispiera partikolari.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tinkiteb ittra lil Awtorita tas-Saħħa u l-Korporazzjoni għas Servizzi tal-Ilma biex jittieħdu passi sabiex ma jibqax issir aktar tbattil peress li dan jaf ikun ta periklu għar-residenti.

### 4.3 Korrispondenza mill-Kunsillier Antoine Vella

Il-Kunsillier Antoine Vella tella l-punt tal-website tal-Kunsill u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm xi progress fuq dan l-issue.

Is-Segretarju ppreżenta lista ta punti li għandhom jiġu kkunsidrati u ddiskutihom fil-Kunsill. Dawn inħolqu wara li ġew evalwati websites oħra ta Kunsilli Lokali. Minħabba li bħalissa website m hemmx allura hemm il-bżonn li din terġa tiġi kkrejata mil-ġdid.

Peress li dan huwa servizz u li jista jtella somma elevata allura huwa l-każ li jinħareġ tender.

## 5. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

Pagament numru 43 kien hemm domanda fuq ir-raġuni l-għala tniżżel twaħħil ta posters mas-servizzi.

Pagament numru 44 kien hemm domanda x kienet l-okkażżjoni li kien qed jintalab ħlas fuqha.

Il-Kunsill approva il-lista tal-pagamenti.

## 6. PERFORMANCE BONUS TAL-AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

l-issue tal-Performance Bonus tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien imtella fil-laqgħa preċedenti imma peress li ma kienx hemm il-membri kollha tal-Kunsill Lokali dan tħalla għal din il-laqgħa.

Il-Kunsill Lokali staqs kemm huwa dovut performance bonus is-Segretarju eżekuttiv skont il-liġi u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hemm 5% li huma skont il-liġi u 5% jiġu vvutatti mill-Kunsill.

Il-Kunsilliera kollha qablu unaniment li l Aġent Segretarju Eżekuttiv, Hector Cassola m għandux jingħata l-5% tal-performance bonus li jiġu vvutatti lilu mill-Kunsill Lokali. Iżda Il-5% l oħra se jiġu mogħtija lilu skont il-liġi.

## 7. ACCOUNTANT TAL-KUNSILL LOKALI

Is-Segretarju Eżekuttiv semma li kien qed ikolli problemi biex jikkuntattja lil Accountant li jagħti servizz lill-Kunsill peress li dan ma kienx qed jiġi milħuq. Kien hemm diversi tentattivi bit-telefon u anki emails imma l-Accountant ma kienx qed iwieġeb. Din is-sitwazzjoni kienet qed toħloq dewmien biex jitlesta x-xogħol u jiġi ppreżentat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsill Lokali ssuġġerrixxa biex tinkiteb ittra u tintbagħat lil Accountant u jingħata ultimatum.

## 8. TENDER LATTRINA

Is-Sindku semma li ġie avviċċinat mill-ħaddiema tal-IPSL li offrew biex jiftħu l-lattrini huma. Dan is-servizz offrewh li jiftħuha u jagħlquha u jnaddfuha sakemm toħroġ it-tender u jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħol tagħhom tal-ġurnata u din terġa tingħalaq fil-ħamsa ta filgħaxija.

Peress li bħala offerta din kienet vantaġġjuża aktar milli kieku kellu jiġi mpjegat persuna biex jżommha miftuħa, s-Sindku ħass li għandu jiddiskutiha mal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li bħala ħin din għandha tinżamm sas-7 ta filgħaxija miftuħa u għalhekk ikun hemm bżonn ta persuna li żżomm miftuħa din il-faċilita mil-5 p.m. sas 7 p.m.. Kif ukoll Sibt, Ħadd festi u attivitajiet tal-Kunsill.

Se jinħareġ tender biex tinstab persuna biex tkun tista tagħti dan is-servizz. Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni unanament. It-tender għandu jiġi ppubblikat fil-ġranet li ġejjin.

## 9. RIŻULTAT KARNIVAL 2010

Is-Sindku rrapporta fuq l-attivita tal-Karnival peress li hu kien responsabbli minnha. Huwa qal li għalkemm l-ajru ma kienx favorevoli din l-attivita xorta saret kif kienet prevista. Huwa spjega kif il-Ġimgħa għalkemm relattivament ma kienx hemm xita din xorta fixklet milli n-nies jibqgħu l-pjazza jgawdu l-Karnival. Fattur ieħor kienet il-kesħa li nħasset ħafna u anki fixklet xi ftit mil-andament tal-programm.

Kien hemm ukoll xi kunsilliera li taw opinjonijiet u suġġerimenti fosthom il-kunsillier Anatole Scerri Diacono li semma li għandha tinkiteb ittra liż-żeffiena li pparteċipaw biex jingħataw ringrazzjament.

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono staqsa lis-Sindku il-għala l-karru ma telax fi Triq ir-Reġimenti Maltin u dan wieġeb li tal-karru kien sab xi problemi biex ikun jista' jgħaddi min Triq ir-Reġimenti Maltin peress li kien anki ġarrab xi ksur fil-karru u anki minħabba li t-triq ma kinitx tippermetti li dan ikun jista jdawwar komdu.

Il-kunsillier Antoine Vella flimkien mal-Viċi Sindku semma li bħala attivita nhar ta Ġimgħa u nhar ta Ħadd għandha tkun imqassma kif kienet din is-sena, parti in-naħa tal-Karnival u parti it-Towncentre.

Rigward it-toroq il-kunsilliera issuġġerew li fid-darba li ġejja għandu jkun hemm aktar toroq miftuħa anki għar residenti. Din anki peress li jekk jkun hemm każ t emergenza tkun diffiċli għal ambulanza biex tidħol.

Is-Sindku saħaq li għad darba li ġejja din għandha tkun fuq skala akbar u biex kull membru tal-Kunsill, jaħdem u jagħti l idejat tiegħu fuq kif din tista tiġi mkabbra. Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd lil kull minn ipparteċipa u ħa sehem għal attivita suċċess.

### 10. ATTIVITAJIET OĦRA

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono talab permess biex ikun jista jorganiżża l-party tal-Easter. Dan kien approvat. Is-Sindku qal li se jkun organiżżat paegent mil-Kunsill Lokali u Mtarfa Drama Group bit-tema tal-Ġimgħa Mqaddsa. Huwa qal sabiex tintbagħat ittra lir-residenti sabiex jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw.

Il-kunsillier Antoine Vella ta suġġeriment biex tkun organiżatta Lejla Folkloristika b għanneja u ikel tipikament Malti. Dan is-suġġeriment kien milqugħ u se jsir preparamenti fuqha għas Sajf.

Il-kunsilliera Helen Bugeja se tkun qed tikkordina Jum l-Omm u Jum il-Mara.

### 11. AĠĠORNAMENTI U XOGĦOLIJIET

Il-Viċi Sindku semma li qed issir xogħol ta twaħħil ta bankijiet viċin Pjazza Palma. Dan qed issir mil-ħaddiema tal-IPSL.

Saru ukoll tiswijiet ta passaġġi tal-concrete li jinsabu viċin l-Quarter Masters.

Kien hemm xi sprallijiet li sfrondaw u li kienu ta periklu għal min jgħaddi bil-karozza. Dawn ġew irranġatti u mtellgħin il-fuq biex ma jkunux t inkonvenjent. Dan ix-xogħol sar kollu mill-ħaddiema tal-IPSL.

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono ġie avviċinat mis-Sur. Charles Pace li semma li hemm il-bżonn li jsir tindif fuq il-faċċatta tal-Arloġġ. Għal dan il-għan hemm il-bżonn ta scaffolding.

## 12. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgha ġiet fi tmiem tagħha l-Erbgħa 17 ta' Frar f' nofs il-lejl (12.00 a.m.).

Ġie diskuss ukoll il-ħin tal-laqgħa u kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha biex din tibda fid-8.45 p.m. Id-data tal-laqgħa li jmiss se tkun fit-Tlieta 9 ta' Marzu 2010.

**Michael Portelli**
**Segretarju Ezekkutiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku.**